MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 258/2006

Festa Limited
vs
Marc Aquilina u s-socjeta` Euro Concrete Blocks Limited solidalment bejniethom

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti u konfermat bil-gurament minn Godfrey Mangion debitament awtorizzat, li bih espona:

1. Illi s-socjeta` minnu rapprezentata bi ftehim datat 1 ta' Mejju 2001 (kopja annessa mar-rikors u markata dokument "A") kienet ikkoncediet b'titolu ta' lokazzjoni lill-intimat Marc Aquilina u lis-socjeta` Euro Concrete Blocks Ltd, il-vettura tal-marka Freelander 2.0d, numru ta' registrazzjoni DBH643 [kif korrett wara digriet tat-18 ta' Ottubru, 2006], u dan bil-kera ta' mitejn u hamsin lira

maltin (Lm250.00) li maghhom riedu jizdiedu t-taxxa tas-CET, VAT jew taxxi ohra simili (ara artikolu 4 tal-ftehim).

2. Illi b'ittra ufficjali mibghuta fil-11 ta' Novembru 2005 (kopja annessa mar-rikors u markata dokument "B") lill-intimati huma kienu gew interpellati sabiex ihallsu s-somma ta' kera ta' sitt elef, sitt mija u disgha u sebghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm6,679.30) rapprezentanti kera sa Ottubru 2005.

3. Illi l-intimati sallum ghandhom ihallsu wkoll Lm1,330 multi tat-traffiku ghall-vjolazzjonijiet tal-ligi kawzati mill-intimati.

4. Illi kif kien jidher mill-istess ittra l-intimati kienu avzati li jekk ma jhallsux il-kera u l-ammont imsemmi fl-istess ittra il-ftehim kellu jigi terminat b'effett mill-1 ta' Novembru 2005.

5. Illi l-intimati kienu baqghu ma hallsu xejn sallum u ghalkemm gew interpellati diversi drabi kienu naqsu kemm li jhallsu dak li hu dovut kif ukoll li jirritornaw il-vettura skond il-ftehim.

Illi s-socjeta` rikorrenti tinsab kreditrici tal-intimati fis-somma ta' tmint elef u disa' liri Maltin u tletin centezmu (Lm8,009.30) rapprezentanti sitt elef, sitt mija u disa' u sebghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm6,679.30) kera tal-vettura msemmija sa' Ottubru 2005 u elf, tlett mija u tletin liri Maltin (Lm1.330) multi gia` mhallsa mis-socjeta` rikorrenti u dan kif kien jirrizulta mir-rendikont anness mar-rikors u mmarkat dokument "C".

Illi l-ammont kien ghadu dovut nonostante li l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu parti minn b'dan l-ammont permezz ta' ittri ufficjali datati 19 ta' Awissu 2005 u 11 ta' Novembru 2005.

Illi l-intimati zammew u baqghu juzaw il-vettura sallum minghajr ma hallsu xejn ta' dan l-uzu.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom li jhallsu s-somma ta’ tmint elef u disa’ liri Maltin u tletin centezmu (Lm8,009.30) rapprezentanti sitt elef, sitt mija u disa’ u sebghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm6,679.30) kera tal-vettura msemmija sa’ Ottubru 2005 u elf, tlett mija u tletin liri Maltin (Lm1.330) multi gia` mhallsa mis-socjeta` rikorrenti u dan kif jirrizulta mir-rendikont anness mar-rikors u mmarkat dokument “C”.

2. Tiddikjara illi l-ftehim ta’kera datat 1 ta’ Mejju 2001 gie terminat b’effett mill-1 ta’ Novembru 2005 u dak kif jidher mill-kopja tal-ittra ufficjali prezentata fil-11 ta’ Novembru 2005 (kopja annessa mar-rikors u mmarkata Dokument “B”).

3. Tillikwida l-ammont dovut mill-intimati solidament bejniethom talli zammew u baqghu juzaw il-vettura wara l-1 ta’ Novembru 2005 u naqsu li jirritornawha lir-rikorrenti u dan sad-data tas-sentenza.

4. Tikkundanna lill-intimati solidament sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat ghall-uzu tal-vettura mill-1 ta’ Novembru 2005 sad-data tas-sentenza.

5. Tikkundanna lill-intimati solidament sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritornaw il-vettura lir-rikorrenti.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ meta kien dovut kull pagament tal-kera sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 19 t’Awissu 2005 u 11 ta’ Novembru 2005 kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bla pregudizzju ghal kull ammont iehor dovut mill-intimati.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat li ma dahlet ebda risposta tal-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Godfrey Mangion li qal li hu kien jahdem mas-socjeta` Festa Limited u ghandu l-kariga ta' ***Leasing Manager*** u kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata li kien ghamel mar-rikors odjern. Mindu gie prezentat ir-rikors 'il hawn l-intimati ghamlu pagamenti ta' Lm4000. Ma thallas xejn iehor barra l-Lm4000 u ghalhekk l-ammont indikat irid jonqos b'erbat elef lira preferibbilment ghall-ewwel darba. Il-vettura sal-lum kienet ghadha ma gietx ritornata u infatti kienet ghadha tintuza mill-intimat izda l-kuntratt kien sar mat-tnejn ghax Mark Aquilina qal anke li minhabba l-Euro Concrete Blocks Limited. Zgur li l-VAT il-kera kienet ta' Lm250 fix-xahar.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mis-socjeta` rikorrenti stante li kienu kkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni lill-intimat Marc Aquilina u lis-socjeta` Euro Concrete Blocks Ltd. il-vettura tal-marka Freelander 2.0d, Numru ta' registrazzjoni DBH 643 bil-kera ta' mitejn u hamsin Liri Maltin (LM250) li maghhom riedu jizdiedu t-taxxa tac-CET, VAT, u taxxi ohra simili. Ghalhekk il-kumpanija rikorrenti sostniet li ghandha tiehu s-somma ta' sitt elef, sitt mija, disgha u sebghin Liri Maltin u tletin centezmu (LM6,679.30) rapprezentanti kera sa Ottubru 2005, kif ukoll l-ammont ta' elf, tlett mija u tletin Liri Maltin (LM1,330) rapprezentanti multi tat-traffiku ghall-vjolazzjonijiet tal-ligi kawzati mill-intimati.

Jirrizulta li l-intimati huma kontumaci, illi huma nghataw il-fakulta` li jipprezentaw risposta, liema risposta ma gietx ipprezentata u lanqas ma giet gustifikata l-kontumacja. Jirrizulta li kien hemm ftehim bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimati, fir-rigward tal-lokazzjoni ta' din il-vettura, u l-kirja stipulata kellha tkun dik ta' mitejn u hamsin Liri Maltin

(LM250) fix-xahar, u t-terminu taz-zmien miftiehem bejn iz-zewg partijiet kien ta' hames snin (a fol 4 sa 7).

Sussegwentement is-socjeta` rikorrenti baghtet ittra ufficjali lill-intimati fejn gew mgharrfa bl-iskadenzi tal-kera dovuti, gew avzati biex jieqfu juzaw il-vettura, u biex jirritornaw il-pussess tal-istess vettura, ghaliex permezz tal-istes ftehim redatt bejn iz-zewg partijiet, l-istess ftehim ser jigi kancellat b'effett mill-1 ta' Novembru 2005 (a fol 10). Irrizulta li l-intimati baqghu inadempjenti u kien biss waqt il-mori ta' din il-kawza li thallas l-ammont ta' erbat elef u hames mitt Liri Maltin (LM4,500), hekk kif gie kkonfermat fix-xhieda ta' Godfrey Mangion (a fol 137) u fin-nota ta' riduzzjoni (a fol 141).

Illi huwa evidenti wkoll mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` rikorrenti li l-intimati kellhom ihallsu numru ta' multi tat-traffiku ghall-vjolazzjonijiet tal-ligi kawzati minnhom. Jirrizulta mir-ricevuti esebiti fil-process li s-socjeta` rikorrenti hallset l-ammonti ta' elf, mitejn u ghoxrin Liri Maltin (LM1,220), is-somma ta' tmenin Liri Maltin (LM80), u somma ta' tletin Liri Maltin (LM30) (a fol 52, 59 sa 124, 126 sa 129, 132, 133) li b'kollox jammontaw ghas-somma ta' elf, tlett mija u tletin Liri Maltin (LM1,330).

Illi fis-7 ta' Frar 2007 giet prezentata nota mis-socjeta` rikorrenti li permezz taghha rriduciet is-somma mitluba ta' LM8009.30 ghas-somma ta' Lm3509.30 stante pagamenti ta' Lm4500 fil-mori tal-kawza u zammet ferm it-talbiet l-ohra kollha.

Is-socjeta` rikorrenti, fil-kaz odjern, minbarra li talbet ir-rifuzjoni tal-ammont imsemmi hawn fuq, talbet ukoll li l-ftehim ta' kera jigi terminat b'effett mill-1 ta' Novembru 2005. Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-talba ghandha tigi milqugha stante diversi ragunijiet. L-intimat naqas milli jaghti raguni valida ghan-nuqqasijiet tieghu u ghalkemm kontumacja hija oppozizzjoni xorta wahda hu importanti li tali oppozizzjoni tkun wahda valida. Inoltre huwa logiku li jekk wiehed ma jhallasx ma ghandux id-dritt li jibqa' jzomm il-vettura proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti minghajr

hlas. Ghalhekk il-ftehim ghandu jigi dikjarat terminat b'effett mill-1 ta' Novembru 2005.

Is-socjeta` rikorrenti talbet ukoll li l-intimati jkollhom ihallsu l-ammont likwidat mill-1 ta' Novembru 2005 sad-data tas-sentenza talli zammew u baqghu juzaw il-vettura u naqsu li jirritornaw il-vettura lis-socjeta` rikorrenti. Tali talba tidher gustifikata minnhabba li ovvjament is-socjeta` rikorrenti tilfet flus in konsegwenza ta' l-agir ta' l-intimati. Din il-Qorti qed tillikwida l-ammont ***arbitrio boni viri*** fis-somma ta' Lm4500.

**D. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jidher li t-talba tas-socjeta` rikorrenti hija gustifikata u ma hemm ebda lok ghaliex ma tigix milqugha u tikkundanna lill-intimati jhallsu b'referenza ghall-ewwel talba s-somma ta' Lm3,509.30.

B'referenza ghat-tieni talba tiddikjara li l-ftehim ta' kera datat 1 ta' Mejju 2001 gie terminat b'effett mill-1 ta' Novembru 2005.

Tillikwida l-ammont dovut mill-intimati solidament bejniethom talli zammew u baqghu juzaw il-vettura wara l-1 ta' Novembru 2005 u naqsu li jirritornawha lir-rikorrenti u dan sad-data tas-sentenza fl-ammont ta' Lm4500.

Tikkundanna lill-intimati solidament sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat ta' Lm4500 ghall-uzu tal-vettura mill-1 ta' Novembru 2005 sal-lum.

Tikkundanna lill-intimati solidament sabiex fi zmien hmistax-il gurnata jirritornaw il-vettura lir-rikorrenti.

Bl-imghaxijiet mil-lum, u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------